TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur**

Claude Sammut

vs

KNK Airconditioners Co. Ltd.

CCT 25/16 MS

Illum, 12 ta' Dicembru 2016

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fis-26 ta' Jannar 2016 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €695.04 - prezz ta' Airconditioner mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema airconditioner ma kienx addatat ghall-kamra fejn gie installat.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata presentata fis-16 ta' Marzu 2016 fejn eccepixxa t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi respinti bl-ispejjes.

Ra illi minkejja d-debiti notifiki s-socjeta' intimata qatt ma dehret ghas-seduti lanqas meta dawn kienu differiti ghall-provi taghha.

Ra illi r-risposta tas-socjeta' intimata hi fuori termine.

Ra illi wara il-korrezzjoni fl-okkju permezz tad-digriet tad-29 ta Frar 2016 u d-debita notifika, is-socjeta' intimata ma dahlitx risposta ghat-talba tar-rikorrenti.

Ra d-digriet tieghu tal-25 ta' April 2016 fejn innomina espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talba tar-rikorrent wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata.

Ra r-relazzjoni tal-espert tekniku Dr. Charles Yousif prezentat u mahluf fil-15 ta' Lulju 2016.

Ra d-dokumenti kollha tao-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra:

Mhuwiex kontestat illi r-rikorrent xtara airconditioner minghand is-socjeta' intimata fuq parir tekniku tal-istess socjeta'. Wara illi r-rikorrent ipprezenta pjanta tal-kamra fijn kellu jigi stallat dan l-airconditioner, gie rakkomandat illi dan kellu jkun ta' 12,000 BTU. Dan l-airconditioner gie

installat, pero' ir-rikorrent ilmenta diversi drabi illi ma kienx sed ikessah bizzejjed u di piu' kien bed jikkonsma hafna energija. Sussegwentement, wara pariri ohra teknici s-socjeta intimata accettat li l-airconditioner kien zghir wisq u offriet li tinstalla iehor b'kapacita' akbar bil-kundizzjoni li r-rikorrent ihallas id-differenza. Dan gie accettat mir-rikorrent pero' is-socjeta' intimata watt ma wasslet sabiex tonora dak proost minnha stess u r-rikorrent tilef l-interess u adixxa lil dan it-Tribunal sabiex jiehu flusu lura.

It-tekniku nominal minn dan it-Tribunal ukoll wasal ghall-konkluzjoni li l-airconditioner installat ta' 12,000BTU kien "undersized" u ssugerixxa illi wiehed ta' 16,000BTU u akbar kien aktar adattat.

Illi mhuwiex kontestat illi kienet l-istess socjeta' intimata illi rrakomandat illi jitwahhal l-airconditioner zghir. Ir-rikorrent mhuwiex xi bniedem tekniku u ghalhkkk qaghad fuq ir-rakomandazzjoni tas-socjeta' intimata liema rakomandazzjoni irrizulta li ma kienx idoneja ghall-kamra fejn giet installata. Fuq dan zgur li ma kellux tort ir-rikorrent.

Illi s-socjeta' intimata ghamlet sew meta ssugeriet proposta ghall-ftehim li kien wiehed ragonevoli (ara Dok F - email mibghut l-1 ta' Ottubru 2015). Ir-rikorrent accetta din il-proposta, izda minnha ma sar xejn.

Illi wara ezami akkurat tad-dokumenti ezebiti, isib illi dawn huma korroborati mix-xhieda tar-rikorrent u -konkluzjoni tal-espert tekniku.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent jikkundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondi s-somma ta' €695.04 ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjes kollha, inkluz tat-tekniku, kontra s-socjeta' intimata. B'dana pero ikollha d-dritt li, wara l-hlas, tiehu lura l-airconditioner in kwistjoni.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru